MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Avviz Numru. 312/2014

**fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru 267/14**

**fl-ismijiet**

**Ventur Company Limited**

**(C 15832)**

**vs**

**Peter Montebello**

**(ID 184456 M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta’ Peter Montebello ippresentat fl-10 ta’ Settembru 2014 fejn stqarr illi in segwitu ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fid-29 ta’ Marzu 2012 (Avviz Nru 200/08 RCP) inhareg il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv Nru 267/14.

Huwa sahaq illi, ghalkemm is-sentenza kienet relatata ma’ hlas ta’ hamest elef liri Maltin (Lm5,000) ekwivalenti f’multi inkorsi mis-socjeta Ventur Company Limited ma’ Transport Malta, in verita s-socjeta intimata ma hallset xejn gahliex inharget amnestija ghal multi u r-rikorrenti ipprevalixxa ruhhu minnha u l-vettura giet scrapped bir-rizultat illi ma hemmx aktar pendenzi fuq il-vettura illi s-socjeta Ventur Company Limited kienet bieghet lir-rikorrent.

Insista illi, la darba l-ammont pretiz mis-socjeta Ventur Company Limited la thallas u wisq anqas ma hemm xi possibbilta’ jew riskju ta’ responsabbilta’ ghall-hlas, l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq indikata hija wahda frawdolenti.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lill-dina il-Qorti tirrevoka l-Mandat odjern.

Ra illi l-kaz odjern gie appuntat ghas-smigh minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta.

Ra ir-risposta tas-socjeta Ventur Company Limited, ippresentat fid-19 ta’ Settembru 2014, fejn oggezzjonat, bil-qawwa, ghal dak mitlub peress illi sahqet illi dana kien tentattiv disprat sabiex jipprova jehles mill-obbligu tieghu biex ihallas is-sorte ta’ kawza deciza anke fi stadju ta’ appell.

Osservat ukoll illi ghalkemm dejjem sahaq illi kien ibbenefika minn amnestija, ir-rikrorent qatt ma wera dan lis-socjeta intimata u l-istess socjeta baqghet tircievi multi fuq il-vettura bir-rizutlat illi tali Mandat kien necessarju.

Sahqet illi l-multi illi r-rikorrenti jallega illi huam ibbenefika minnhom b’amnestija minghand Transport Malta huma attwalment multi dovuti lill-Transport Malta direttament filwaqt illi dak li qed jintalab huwa l-import ta’ citazzjonijeet varji inkorsi mir-rikorrent bil-vettura tas-

socjeta intimata u li huma dovuti lill-Kunsill Lokalijiet fejn l-infrazzjoni sehhet, irrispettivament minn jekk l-vettura giets scrapped jew le.

Rat ili, wara talba tar-rikorrent ghall-astensjoni, stante illi kienet il-Qorti li ddecidiet il-kaz originalment, il-Qorti, kif ippresjeduta, a tenur ta' l-Artikolu 734 (d) tal-Kap 12, astjeniet mis-smiegh tal-kawza.

Rat illi l-kaz gie appuntat ghas-smiegh quddiem dina l-Qorti kif ippresjeduta fl-24 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta' **James Grima**, rappresentant tas-socjeta Ventur Company Limited, moghtija fl-24 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda, in ezami ta' **Peter Montebello** mohtija fl-24 ta' Novembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' James Grima moghtija fl-1 ta' Dicembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Stephen Cachia**, rappresentant ta' Transport Malta, moghtija fit-22 ta' JAnnar 2015 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra dokument esebit fid 29 ta' Jannar 2015 mir-rikorrent in sostenn ta' dak illi huwa kien qieghed jitlob.

Ra is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fid 19 ta' Frar 2015.

Semghet it-trattazzjoni tas-socjeta intimata fis-seduta tat 23 ta' April 2015, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsdrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti, partikolarment is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati deciza fit 22 ta' Frar 2011 u tal-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) fid 29 ta' Marzu 2012, illi s-socjeta Ventur Company Limited kienet bieghet vettura lir-rikorrent, Mitsubishi RVR Nru KBE 814, li fuqha kien ghad fadal bilanc li kellu jithallas.

Jirrizulta illi tali bilanc ma kienx thallas u ghalhekk il-vettura ma gietx mdawwra mis-socjeta Ventur Company Limited ghal fuq r-rikorrent.

Jirrizulta illi r-rikorrent kien fil-pussess tal-vettura KBE 814 u, ghalkemm ma kienx sar it-transfer, kien qieghed juzaha u l-vettura bdiet tinkorri kontravenzjonijiet varji, liema kontravenzjonjiet bdew jaslu ghand is-socjeta Ventur Company Limited.

Jirrizulta illi ghalkemm, f'mument minnhom, is-socjeta Ventur Company Limited kienet disposta illi tittrasferixxi l-vettura ghal fuq ir-rikorrent, ir-rikorrent irrifjuta illi ssir tali transfer u l-vettura baqghet taqla kontravenzjonjiet varji bir-rizultat illi, sad-data meta giet ippresentata il-kawza quddiem l-ewwel Qorti tal-Magistrati, jigifieri 13 ta' Mejju 2008, il-vettura kellha is-somma ta' hdax-il elf, mija u hamsa u sittin euro (€11,165) f'citazzjonjiet mahruga u decizi kontra sid il-vettura, ossija is-socjeta Ventur Company Limited.

Jirrizulta illi fit 22 ta' Frar 2011 ir-rikorrent gie kundannat ihallas is-somma ta' hdax-il elf, mija u hamsa u sittin euro (€11,165) fuq deskritta, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid 29 ta' Marzu 2012.

Jirrizulta illi fit 18 ta' Dicembru 2013, Peter Montebello ha gurament, li jirrizulta li huwa falz, quddiem id-Deputat Registratur Brian Guillaumier fejn iddikjara illi "il-vettura RVR Mitsubishi li kellha in-numru KBE814 ilha scrappjata. il-log book taghha hu mitluf" meta tali log book attwalment kien ghand is-socjeta Ventur Company Limited peress illi t-trasferiment kien ghadu ma sarx u, b'rizultat ta' tali gurament, l-istess rikorrent, ghal ragunijiet illi jisthoqq illi jigu investigati mill-awtoritajiet kompetenti, applika bhala sid il-vettura u ibbenefika minn amnistija mahruga a tenur ta' l-Avviz Legali 22/12 u l-Avviz Legali 85/13 u

dak dovut ghal-licenzji tat-triq mhux rinnovati u multi relatati ma' tali nuqqas, ammontanti ghall €4,324.28 gew ridotti ghal €1,936.28, liema somma thallset fit 23 ta' Dicembru 2013.

Jirrizulta illi c-citazzjonijiet ammontanti originalment ghall €11,165 u decizi fil-kawzi fuq imsemmija, attwament irrizulta li kienu ftit aktar, ossija €11,588.59, u dana skond dokumentazzjoni esebita minn-Transport Malta, li turi wkoll illi r-rikorrent baqa' jaghmel uzu regolarment tal-vettura, ghalkemm mhux licenzjata, u dana certament sat 30 ta' Novembru 2011, data indikata bhala l-ahhar darba li l-vettura inghatalha citazzjoni talli ma kellhiex licenzja imwahhla mal-'windscreen'.

Jirrizulta, mill-istess dokument esebit minn Transport Malta, illi l-import kollu tac-citazzjonijiet kif fuq deskritti huma attribwibbli bhala pagabbli mis-socjeta Ventur Co Limited.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti, jirrizulta bl-aktar mod lampanti, illi l-azzjoni odjerna hija unikament tentattiv sabiex jirbah iz-zmien u jeludi l-effetti ta' sentenza kkonfermata fl-appell, u dana abbazi ta' pretensjoni li ma kien hemmx ejn x'jithallas peress illi huwa kien hallas kollox meta ghamel dikjarazzjoni illi huwa kien tilef il-log book tal-vettura, meta dana ma' kien minnu assultament xejn, u kien ghamel dikjarazzjoni ma' Transport Malta illi huwa sid il-vettura, meta dana ma kienx il-kaz lanqas.

Il-Qorti ma hijiex ser tiddilunga wisq fuq dana il-fatt, izda tirrileva illi hija tal-misthija illi tali azzjoni giet intavolata fuq tali pretensjonijiet foloz u, mhux talli t-talba tas-socjeta Ventur Company Limited hija frawdolenti, kif ghazel illi jiddikjara ir-rikorrent, izda hija l-azzjoni kollha imnieda mir-rikorrent illi hija frawdolenti u intiza unikament biex tqarraq mill-Qorti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat id-dokumentazzjoni kollha esebita quddiemha,

Wara illi semghet ix-xhieda mressqa quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet

Taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

Tichad ir-rikors intavolat minn Peter Montebello u ghalhekk tikkonferma l-effetti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv 267/14

Spejjez tal-proceduri odjerni kollha, inkluz dawk tas-socjeta Ventur Company Limited, a kariku tar-rikorrent Montebello.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------